



Dokument ta' sessjoni

B8-1242/2015

11.11.2015

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-aċċess għall-isport għall-persuni b'diżabbiltà u premji għall-prestazzjoni ekwi, ġusti u nondiskriminatorji

Mircea Diaconu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-aċċess għall-isport għall-persuni b'diżabbiltà u premji għall-prestazzjoni ekwi, ġusti u nondiskriminatorji

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabbiltà 2010-2020,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi, bħala ċittadini veri u proprji bi drittijiet ugwali, il-persuni b'diżabbiltà jgawdu mid-dritt inaljenabbli għal ħajja dinjituża, trattament ugwali u parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà;
- B. billi aktar minn 80 miljun persuna fl-UE ibatu minn xi forma ta' diżabbiltà u jirrappreżentaw wieħed mill-aktar gruppi vulnerabbli; billi l-integrazzjoni tagħhom hija waħda mill-akbar sfidi ta' politika soċjali;
- C. billi l-leġiżlazzjoni ta' ċertu Stati Membri tiddiskrimina kontra sportivi b'diżabbiltà, li toffrilhom premji aktar baxxi għall-prestazzjoni tagħhom f'kompetizzjonijiet internazzjonali tal-isports meta mqabbel ma' sportivi bla diżabbiltà;
 1. Jenfasizza l-importanza tal-isports fiż-żamma u/jew fit-titjib tal-kwalità tal-ħajja u l-motivazzjoni tal-isportivi b'diżabbiltà;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-aċċess għall-isport fil-livelli kollha għall-persuni b'diżabbiltà, billi tipprovdihom tagħmir addattat b'mod xieraq u tiżgura premji ekwi, ġusti u nondiskriminatorji għall-prestazzjonijiet tal-isportivi b'diżabbiltà u bla diżabbiltà.